MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2045/1999/1

**Attard Bros. Co. Ltd.**

**vs**

**Lionel Lapira u Francis Valletta fil-kwalitajiet taghhom ta' *chairman* u segretarju rispettivament u t-tnejn ghan-nom ta' San Andrea School u b'digriet tad-29 ta' Frar 2000 gew kjamati in kawza David u Mary Mallia u Giuseppa Chetcuti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Settembru 1999 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti *nomine* fil-kwalita` taghhom rappresentattiva ta' l-iskola San Andrea, jinsabu d-debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija u hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm10,645.00) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-prezz ossia korrispettiv ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni u materjali tal-bini ezegwiti u provduti mill-istess socjeta` attrici in adempiment u ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' appalt fdat lis-socjeta` attrici mill-imsemmija skola konvenuta.

Billi *nonostante* nterpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan l-ammont il-konvenuti *nomine* baqghu inadempjenti.

Illi l-inadempjenza tal-konvenuti *nomine* huwa motivat mill-allegazzjoni ghal kollox infondata taghhom illi x-xoghlijiet u materjali *in parola* ma gewx ordnati minnhom izda gew ordanti mit-terzi u kienu eskluzi mix-xoghlijiet ikkontemplati mill-kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef sitt mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm10,645.00), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-prezz ossia korrispettiv ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni u materjali tal-bini ezegwiti u provduti mill-istess socjeta` attrici in adempiment u ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' appalt fdat lis-socjeta` attrici mill-imsemmija skola konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti *nomine* illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process liema dokument huwa mmarkat bhala Dok "A".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tad-29 ta' Frar 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 8 ta' Frar 2000 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes *stante* li x-xoghlijiet imsemmija fl-atti tac-citazzjoni ma sarux fuq inkarigu tal-konvenuti izda fuq inkarigu ta' terzi u *cioe`* ta' David u Mary Mallia u Giuseppa Chetcuti jew min minnhom ta' l-ewwel ta' "Razzett il-Fuklar" Imselliet 1/0 Mgarr u Chetcuti ta' Edelweiss Triq il-Mithna Mosta u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkjamati in kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta' Frar 2000 a fol. 13 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stephen Thake. Il-Qorti *in vista* ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti ordnat il-kjamat in kawza ta' David u Mary Mallia u Giuseppa Chetcuti a spejjes provizorjament tal-konvenuti u ordnat li l-istess jigu notifikati bic-citazzjoni attrici u jkollhom ghoxrin (20) gurnata minn notifika biex jipprezentaw l-eccezzjoni taghhom b'dan li jigu notifikati wkoll b'kopja ta' dan id-digriet. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Mejju 2000; u tat-2 ta' Mejju 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stephen Meilaq ghall-konvenuti San Andrea School u Dr. Pawlu Lia ghall-kjamat in kawza Mallia. Il-kawza giet differita ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Mallia u biex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar in-notifika ta' Giuseppa Chetcuti. Dr. Pawlu Lia rrileva li Giuseppa Chetcuti ma tirrisjedix mal-kjamat in kawza Mallia u giet notifikata biss citazzjoni wahda. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza datata 12 ta’ Mejju 2000 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti mhuwiex legittimi kontraditturi f’dawn il-proceduri billi l-appalt ghax-xoghlijiet in kwistjoni gie kommissjonat mill-konvenuti *nomine* u mhux mill-eccipjenti.

2. Illi ghalhekk fil-konfront ta’ l-eccipjenti, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi.

3. Illi f’kull kaz u bla pregudizju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti tinsab preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 2149 (a)** tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kjamati in kawza a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-1 ta’ Gunju 2000; tad-9 ta’ Gunju 2000 u tal-4 ta’ Ottubru 2000 fejn xehed Michael Attard bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici; tal-10 ta’ Jannar 2001 fejn xehed il-Perit Victor Torpiano prodott mis-socjeta` attrici. Dr. Stephen Thake pprezenta nota b’affidavit ta’ Joseph Micallef b’kopja lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 19 ta’ Frar 2001 a fol. 63 tal-process li biha esebixxa l-affidavits ta’ Michael Attard, Thomas Sammut, Mario Calleja, Angelo D’Amato, u Joseph Vincenti ghan-notifika tal-konvenuti skond il-ligi b’riserva favur l-istess konvenuti ghall-kontro-ezami tad-deponenti – liema affidavits huma mmarkati bhala Dok “AB1” sa Dok “AB5”.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-22 ta’ Mejju 2001; tal-5 ta’ Lulju 2001 u tat-28 ta’ Novembru 2001 fejn xehed il-Perit Victor Torpiano prodott mis-socjeta` attrici; u tal-21 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-14 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-11 ta' Dicembru 2002 ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-11 ta' Dicembru 2002 sas-6 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghat-22 ta' Ottubru 2003 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut datata 2 ta' Gunju 2003 a fol. 118 tal-process li biha esebixxa l-affidavit ta' Dr. Marc Bonello, immarkat bhala Dok "A".

Rat in-nota tal-konvenuti datata 15 ta' Ottubru 2003 a fol. 133 tal-process li permezz taghha esebew kopja tal-ftehim li sar mal-gabillotti, ftehim iehor tas-16 ta' Ottubru 1995 li wkoll sar mal-gabillotti, il-qisien tax-xoghlijiet li kien mahrug minn Victor Torpiano, u zewg atti pubblici fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard. Kopja ta' l-istess inghatat lill-kontro-parti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn xehed Dr. Austin Bencini prodott mill-konvenuti; tal-21 ta' Jannar 2004; tas-17 ta' Marzu 2004 fejn xehed Dr. Mark Bonello bil-kontro-ezami prodott mill-attrici; tas-7 ta' Mejju 2004; tal-15 ta' Gunju 2004; tas-26 ta' Ottubru 2004 fejn xehed Dr. Austin Bencini in kontro-ezami; tat-18 ta' Jannar 2005; tat-22 ta' Marzu 2005 fejn xehed il-Perit Mark Bonello in kontro-ezami prodott mill-atturi; tas-17 ta' Mejju 2005; u tas-7 ta' Ottubru 2005 fejn deher Dr. Stephen Thake ghas-socjeta` attrici u Dr. Joseph Schembri ghall-iskola konvenuta. Dehru l-kjamat in kawza David u Mary konjugi Mallia li pprezentaw l-affidavits taghhom u b'kopji lill-kontro-parti li gew irtirati *seduta stante* mid-difensuri prezenti. Il-kjamat in kawza, wara l-prezentata ta' l-affidavits, iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-6 ta'

Dicembru 2005 ghall-kontro-ezami ta’ l-affidavit tal-kjamat in kawza; u tas-6 ta’ Dicembru 2005.

Rat in-nota tal-konvenutipprezentata fir-Registru fit-12 ta’ Jannar 2006 a fol. 287 tal-process li permezz taghha esebixxa zewg dokumenti, immarkati bhala Dok “JAS1” u Dok “JAS2”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghas-socjetajiet konvenuti. Dr. Pawlu Lia u l-kjamat in kawza msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Id-difensuri prezenti ddikjaraw li baqa’ isir biss il-kontro-ezami ta’ l-affidavit tal-kjamat in kawza. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex taghmel dan permezz ta’ zewg seduti u l-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa wara li jsir dan. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta’ Ottubru 2006.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fejn fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2006 xehed David Mallia in kontro-ezami; tal-4 ta’ Lulju 2006 u tas-26 ta’ Settembru 2006 fejn rega’ xehed David Mallia sabiex jaghmel xi kjarifiki. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta’ Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stephen Thake ghas-socjeta` attrici u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti. Dr. Pawlu Lia ghall-kjamat in kawza ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Id-difensuri prezenti ddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Dr. Joseph Schembri, ghall-konvenuti, talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota konvenuta ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tas-socjeta` attrici jibda jghaddi mill-

gheluq tat-terminu moghti lill-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2007.

Rat in-nota t' osservazzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fir-Registru fil-11 ta' Dicembru 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-nota ta' ossevazzjonijiet tal-konvenuti datata 11 ta' Dicembru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-atturi f'din il-kawza qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' Lm10,645 bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni u materjal tal-bini ezegwit konsegwenti ghall-kuntratt ta' appalt ma' l-iskola konvenuta.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici giet inkarigata mill-iskola konvenuta sabiex tibni l-Iskola San Andrea, li kien jinkludi wkoll li certi porzjonijiet ta' bini ta' terzi kellhom jigu demoliti u jinbnew band'ohra, u fil-fatt ix-xoghol kollu kif ordnat mill-iskola sar, u l-istess skola hallset ghall-istess, hlief ghall-ammont mertu tal-kawza odjerna li l-iskola konvenuta qed isostni li ma ghandhiex thallas hi izda ghandhom jithallsu minn terzi.

Illi fil-fatt kien biss fl-ahhar ta' l-appalt li s-socjeta' attrici u l-iskola kienu qabblu fuq rati ta' pagament sabiex jigi saldat l-ammont ahhari dovut lis-socjeta' attrici b'dan pero' li fir-rigward tas-somma indikata gie maqbul skond minuta esebita bhala Dok. “A” a fol. 6 tal-process li dan l-ammont

kien in disputa u inghad li *“without prejudice to the respective parties positions the parties agree that a reasonable period shall be allowed in order to investigate the possibility of the collection of the said amount by the school from the third parties who, as the school contends, instructed the execution of the relative works and are the beneficiaries of the said works”.*

Illi jidher li l-istess skola ma irnexxilhiex tigbor dawn l-ammonti minghand it-terzi, llum kjamati fil-kawza u fil-fatt saret din il-kawza u fil-fatt l-istess konvenuti qed isostnu li dan ix-xoghol in kontestazzjoni sar fuq inkarigu ta’ terzi David u Mary Mallia u Giuseppa Chetcuti ghal dak li jirrigwarda x-xoghol fuq ir-“Razzett il-Fuklar”, Imselliet, limiti ta’ Mgarr u tal-fond “Edelweiss”, Triq il-Mithna, Mosta. Dawn l-eccezzjonijiet il-kjamat in kawza ma jaqblux maghhom u dan ghaliex jghidu li tali xoghlijiet kienu ordnati mill-iskola, apparti li qed jeccepixxu l-preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2149 (a) tal-Kap 16.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt s-socjeta’ attrici kienet inkarigata mill-iskola konvenuta sabiex taghmel xoghol ta’ appalt konsistenti f’bini ta’ skola u razzett u dwar dan gie redatt kuntratt in iskritt li izda ma giex iffirmat. Ix-xogholijiet bdew fis-sena 1994 u x-xoghol kollu dwar l-istess jidher li gie kompletat tant li l-kont finali nhareg fil-5 ta’ Frar 1998 wara u kien hawn li nqala d-disgwid peress li l-iskola sostniet li dan l-ammont mertu tal-kawza odjerna kien dovut u ordnat minn terzi. Mill-provi pero’ rrizulta lil din il-Qorti li r-relazzjoni li kellha s-socjeta’ attrici dwar l-istess xogholijiet mertu tal-kawza odjerna kien biss ma’ l-iskola konvenuta u dan kif ikkonfermat mix-xhieda ta’ Michael Attard, li qal li l-unika xoghol li sar fuq struzzjonijiet tal-kjamata in kawza kien xoghol zghir li thallsu tieghu mill-ewwel. Mill-bqija huma dejjem imxew fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit ta’ l-iskola, l-Perit Victor Torpiano, inkluz fuq il-hajt ta’ l-ghalqa, liema hajt jidher li huwa x-xoghol in kwistjoni f’din il-kawza.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher li dan il-hajt sar ukoll fuq struzzjonijiet ta’ l-istess Perit ta’ l-Iskola u wkoll s-socjeta’ attrici kienet giet indikata sabiex tehles l-istess xoghol

kemm jista' jkun malajr. Kien biss wara li gew indikati l-ammont ta' l-istess xoghlijiet li l-iskola konvenuta oggezzjonat ghall-hlas ta' l-istess, u insistiet li parti mill-istess spiza tal-hajt kellha tithallas minn terzi. Jidher li fil-fatt l-istess skola konvenuta bdiet tikkontesta d-direzzjoni tal-Perit taghha stess, tant li dan ta' l-ahhar kien anke ikkonsulta mal-Perit Borg Costanzi sabiex jispjega lill-iskola konvenuta li dan ix-xoghol kien necessarju li jsir. Fil-fatt jidher li kienu saru diversi laqghat sabiex issir il-hlas u fl-ahhar waslu ghall-laqgha fejn saret l-iskrittura a fol. 6 tal-process u fejn id-diskussjonijiet kienu l-iktar bejn l-istess skola u l-Perit (fol.46) u fil-fatt il-kjamati fil-kawza lanqas kienu mdahhla f'din il-laqgha u lanqas fid-diskussjonijiet. Fil-fatt jidher li kien hemm problema kif kienu ser isiru l-ahhar pagamenti mill-istess skola, u fil-fatt sar ftehim kif dawn kellhom jithallsu u nghata zmien lill-istess skola sabiex l-ammont in kontestazzjoni tipprova tirkuprah minghand terzi, haga li ma sehhitx tant li saret din il-kawza. Dan kollu juri li l-istess skola konvenuta fil-fatt lanqas ikkontestat dan ix-xoghol izda fil-mument tal-hlas u wara li tlesta x-xoghol ippretendiet li ghandha tirkupra xi ammonti mill-istess ammont illum dovut minghand terzi, haga li s-socjeta' attrici kienet estranea ghaliha anke mid-dicitura ta' l-istess skrittura (fol.6), u dan peress li l-istess socjeta' attrici dejjem insistiet li l-unika relazzjoni li kellha ma' l-istess kienet ma' l-iskola konvenuta u dan anke peress li hija esegwiet il-ftehim ta' appalt u wkoll ghamlet dak kollu li kien indikat lilha mill-Perit ta' l-iskola, li kien qed jissorvelja x-xoghlijiet ghan-nom ta' l-istess skola konvenuta. Dan l-istess Perit kien qed jigi sewgiet minn diversi membri ta' l-iskola jew tal-fondazzjoni li tmexxi l-iskola, fosthom Dr. Marc Bonello, il-Perit John Papagiorcopulo, u ohrajn.

Illi fil-fatt dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda tal-Perit Victor Torpiano datata 10 ta' Jannar 2001 li spjega li x-xoghol indikat bhala Phase 1A u Phase 1B ghall-bini ta' l-iskola u razzett kellu jsir mis-socjeta' attrici u huwa dejjem agixxa bhala Perit ta' l-istess skola u ta' hadd izjed (fol. 34B). Fil-fatt dan kien sar ghaliex qabel kien sar ftehim bejn l-iskola u t-terzi li ma riedux li jithallsu bi flus izda b'xoghol forma ta' bini u ghalhekk kienet l-iskola li dahlet

ghall-bini ta’ l-istess razzett, u fil-fatt jghid car u tond li l-appalt li kellu ksir mis-socjeta’ attrici kien jikkonsisti fir-razzett, l-ismantellar tieghu u xi xoghlijiet ohra, u l-inkarigu dejjem sar mill-istess skola lis-socjeta’ attrici. L-istess Perit eskluda katigorikament li huwa kellu inkarigu minn terzi u dejjem agixxa ghan-nom ta’ l-iskola u jidher mix-xhieda tieghu li huwa kien qed jinforma lill-istess skola b’dak li qed isir u wkoll li kien qed jigi segwiet mir-rappresentanti ta’ l-istess, li kienu jigu fuq il-lant tax-xoghol.

Illi fil-fatt l-istess Perit ikkonferma li x-xoghol tlesta kollu ghall-habta ta’ Novembru 1997 u ma kien hemm ebda kontestazzjoni, tant li gie ccertifikat minnu, u kien hawn li jidher li l-iskola kkontestat ghall-ewwel darba l-hitan kif saru u l-ispiza li saret fuqhom, xoghol li fuq kollox kien sar taht id-direzzjoni u sorveljanza ta’ l-istess Perit dejjem ghan-nom ta’ l-istess skola (fol. 34K) u li certament ir-rappresentanti msemmija ta’ l-iskola jew uhud minnhom kienu dejjem qed isegwu. Fil-fatt jidher li s-socjeta’ attrici kellha biss konnessjoni mat-terzi fir-rigward ta’ xoghlijiet li gew ordnati direttament mill-kjamati fil-kawza  u li dawn ma jikkonsistux fix-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna.

Fil-fatt mix-xhieda kollha ta’ l-istess Perit Victor Torpiano din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li x-xoghol mertu tal-kawza odjerna, kien sar mis-socjeta’ attrici fuq direzzjoni ta’ l-istess Perit Tekniku inkargat mill-iskola konvenuta u ghan-nom ta’ l-istess skola konvenuta, u il-Perit fl-ebda stadju ma ndika li kien qed jagixxi ghal haddiehor hlief ghall-istess skola, u dejjem indika li huwa kellu l-approvazzjoni ta’ dak li qed jaghmel mill-istess skola konvenuta. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-kontijiet tax-xoghlijiet kollha u kejl ta’ l-istess, esebit bhala Dok. “ST 2”,  li jindika li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kien dik bejn il-Klijenti li huma indikati bhala *Parents Foundation For Education* u l-kuntratturi Attard Brothers Limited.

Illi hawn jinghad li x-xhieda moghtija mill-istess Perit Torpiano fit-28 ta’ Novembru 2001 tikkonferma li huwa dejjem agixxa ghan-nom ta’ l-iskola, u minkejja dak kollu li qal f’dik is-seduta kkonferma li huwa dejjem ta

struzzjonijiet lis-socjeta' attrici ghan-nom ta' l-istess skola konvenuta, ghalkemm din il-Qorti thoss li din id-darba l-versjoni tieghu kienet ghal xi raguni wkoll differenti minn dik li kien ta fl-ewwel seduta u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghandha tindika d-Dok. "VT1" li huwa datat 8 ta' Novembru 2001, liema dokument jikkontrasta max-xhieda tal-Perit stess, u iktar u iktar mal-komportament tieghu waqt ix-xoghol, li dejjem indika li huwa kien qed jagixxa bhala Perit u unikament ghall-iskola konvenuta. Jista' jinghad li dan ukoll jikkontrasta mal-kontijiet finali li huwa stess hareg fuq l-istess xoghlijiet u kienet tirreferi biss ghar-relazzjoni li l-istess skola kellha mas-socjeta' attrici u xejn izjed, tant li l-kont tas-socjeta' attrici u l-kunteggi finali gew prezentati bhala tali minnu stess u dovuti mill-iskola konvenuta. Dan irendi x-xhieda minnu moghtija fl-ahhar seduta msemmija bhala wahda li ma hijiex kredibbli, ghaliex jidher car li din tikkontrasta sew ma dak li huwa xehed precedentement – u wkoll hija kontrastanti mad-dokumenti li huwa hareg bhala l-kontijiet finali ta' l-ammonti dovuti mill-iskola konvenuta lis-socjeta' attrici kif ukoll indikat mid-dokument "ST 2".

Illi dwar dawn ix-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna hemm ix-xhieda wkoll tal-kjamati fil-kawza David u Mary Mallia li kkonfermaw li l-hajt sar b'dak il-mod fuq struzzjonijiet ta' l-istess Perit Torpiano li kien qed jidderigi x-xoghol ghan-nom ta' l-istess skola.

Illi barra minn dan din ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici ma' l-iskola konvenuta giet ikkonfermata mix-xhieda ta' Joseph Micallef, *general manager* tas-socjeta' attrici fl-affidavit tieghu datat 10 ta' Jannar 2001 u fuq kollox dan jikkonferma li dan qatt ma kien kontestat waqt ix-xoghlijiet u l-unika kontestazzjoni li sehhet, li fil-fatt waslet ghal din il-kawza kienet biss wara li l-imsemmi Perit Victor Torpiano hareg il-*Final Summary* tax-xoghol li kien sar mis-socjeta' attrici u dan fil-5 ta' Frar 1998 u hawn id-dirigenti ta' l-iskola kienu ilmentaw ghall-ewwel darba dwar l-ammont tal-kont, u kien hawn li jidher li kien hemm disgwid bejn l-istess skola konvenuta u l-Perit taghha stess (fol. 62), u dan jikkonferma u jikkorroboraha x-xhieda ta' Michael Attard rappresentant tas-socjeta' attici.

Fuq kollox jidher li kien hemm problema ta’ pagament anke ghaliex l-istess xhud jghid li kien hemm problemi sostanzjali ta’ hlas mill-iskola konvenuta lis-socjeta’ attrici.

Illi dan ukoll jinsab ulterjorment ikkonfermat mix-xhieda ta’ l-istess Michael Attard fl-affidavit tieghu datat 16 ta’ Frar 2001 li jispjega ukoll id-disgwid li nqala’ bejn dirigenti ta’ l-istess skola u l-Perit Victor Torpiano u wkoll il-Perit Borg Costanzi. Ma dan hemm ix-xhieda ta’ Thomas Sammut fl-affidavit tieghu tas-16 ta’ Frar 2001 fejn spjega x-xoghol li sar ghall-terzi li ma kienx mertu tal-kawza odjerna, u wkoll ta’ Mario Calleja, *foreman* tas-socjeta’ attrici li kkonferma li l-istruzzjonijiet kollha ghal dan ix-xoghol inkluz dak mertu tal-kawza odjerna kien inhadu minnu minghand il-Perit Victor Torpiano. Hemm korroborazjoni wkoll minn Angelo D’Amato impjegat tas-socjeta’ attrici u wkoll Joseph R. Vincenti, *project manager*, tas-socjeta’ attrici u hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghall-affidavit ta’ l-istess datat 16 ta’ Frar 2001 fejn jispjega b’mod mill-iktar skjaccanti t-tezi attrici li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti giet ampjament ippruvata.

Illi ghal dik li hija x-xhieda ta’ Dr. Marc Bonello din il-Qorti thoss li minkejja dak kollu li jghid waqt li kien qed isir ix-xoghol ma kien hemm l-ebda dubju li s-socjeta’ attrici kienet qed tiehu struzzjonijiet minghand il-Perit Victor Torpiano ghan-nom ta’ l-Iskola konvenuta, u kien biss wara li hareg il-kont finali li qam dan id-disgwid fuq l-ammont u n-natura ta’ xoghlijiet li saru fuq il-hajt in kwistjoni, xoghlijiet li saru fuq struzzjonijiet tal-Perit Victor Torpiano, li kien jidher biss ghall-istess skola, u xoghlijiet li s-socjeta’ attrici dejjem fehmet li qed taghmel ghall-istess skola, tant li l-ewwel oggezzjoni mill-iskola dwar l-istess maghha, kienet biss wara li hareg il-kont minnhom – fil-fatt jidher li fl-inkontru li kien hemm bejn is-socjeta’ attrici u dik ta’ l-iskola, li wassal ghal dak miktub a fol. 6 tal-process fejn hemm verbalizzat li kienet l-iskola li kellha tara tigborx l-ammont hemm imsemmi minghand it-terzi, u minn dan ukoll jidher li s-socjeta’ attrici dejjem sostniet li f’dak li huwa xoghol mertu tal-kawza odjerna, l-unika relazzjoni li kellha kienet dik mal-iskola konvenuta.

Illi mill-affidavit ta' l-istess Dr. Marc Bonello jidher car li r-relazzjoni ta' l-iskola, anke ghal xoghlijiet li kellhom isiru konsegwenti ghall-ftehim ta' l-istess skola ma' terzi, baqghet dejjem bejn l-istess skola u s-socjeta' attrici, tant li ghat-tieni fazi tal-progett kienu hargu *bills of quantities* differenti fuq talba ta' l-iskola konvenuta stess, li s-socjeta' attrici rrispondiet ghalihom b'rati godda. Minn imkien fejn dahlet l-iskola mas-socjeta' attrici, qatt ma kien hemm relazzjoni ohra u dan kemm fl-ewwel parti u kif ukoll fit-tieni parti tal-progett, tant li minkejja kull ftehim li kien hemm bejn l-iskola u l-kjamati fil-kawza, ghal dak li huwa x-xoghol mertu tal-kont finali mahrug mill-Perit Victor Torpiano, li parti minnu huwa l-mertu ta' din il-kawza, r-relazzjoni li kien hemm kienet dejjem bejn is-socjeta' attrici u l-istess skola. Dan huwa iktar u iktar car meta l-istess Dr. Marc Bonello jispjega li huwa kien qed isegwi (anke ma ohrajn) l-istess xoghlijiet u b'hekk din il-Qorti thoss li anke minn hawn gie ppruvat li fejn tidhol is-socjeta' attrici, l-unika relazzjoni li kien hemm kienet ma' l-iskola konvenuta. Ma hemm l-ebda dubju lanqas li waqt ix-xoghol kollu l-istess Perit Victor Torpiano kien qed jagixxi ghall-istess skola, u wkoll ma hemm l-ebda dubju lanqas li l-iskola kienet qed tapprova x-xoghlijiet li kienu qed jigu ordnati mill-istess Perit tekniku, u ghalhekk lanqas hija valida l-osservazzjoni li l-Perit kien qed jagixxi ghall-iskola meta ma kellux awtorizzazzjoni jaghmel dan, u dan peress li l-istess skola kienet approvat ix-xoghol kollu li kien ordna li jsir l-istess Perit, u kienet konxja wkoll ta' l-istess direzzjonijiet, kemm minhabba l-presenza ta' diversi membri fuq l-lant tax-xoghol u kif ukoll ghaliex jidher li l-istess Perit kien qed jinforma lill-membri nvoluti minn zmien ghal zmien b'dak kollu li kien qed jigri, u hadd mill-istess qatt ma mar fuq is-socjeta' attrici u qalilha jew indika b'xi mod li tali direzzjoni tal-Perit Torpiano ma kienitx gejja mill-istess skola jew ma kienitx approvata minnha.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li ghalkemm jista' jinghad li d-dokument immarkat bhala Dok. "JAS 1" datat 3 ta' Frar 1997 fejn l-iskola konvenuta u l-kjamati fil-kawza Mallia huwa *"res inter alios acta"* ghas-socjeta' attrici, xorta wahda mill-istess dokument ma jidhirx lanqas li x-xoghol

mertu tal-kawza odjerna kien a karigu ta’ l-istess kjamati fil-kawza u dan ukoll effettivament jimmilita sew kontra t-tezi ta’ l-istess skola konvenuta.

Illi dwar il-punt li l-istess xoghlijiet ma kienux parti mill-ftehim originali bejn l-istess socjeta’ attrici u l-iskola konvenuta jinghad li dan ma huwiex ghal kollox preciz, izda jinghad li ma hemm l-ebda dubju li n-natura tax-xoghlijiet kif fil-fatt saru sehhet fil-kors ta’ l-istess xoghlijiet u dawn saru taht id-direzzjoni u fuq ordni tal-Perit Victor Torpiano li kien qed jidher biss u dejjem ghall-iskola konvenuta u ghal hadd izjed, u dwar dan membri tal-kumitat jew fondazzjoni ta’ l-istess skola kienu konnoxxenti ta’ l-istess. Dwar il-ftehim bil-miktub bejn is-socjeta’ attrici u l-iskola konvenuta, jidher car li ghalkemm xejn ma huwa *per se* kontestat minnu, per precizzjoni jinghad li dan il-ftehim qatt ma kien fil-fatt iffirmat, u madankollu din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li l-kont finali mahrug mill-Perit Victor Torpiano ndika l-istess xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna bhala xoghlijiet maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-iskola konvenuta, u dan ghaliex proprju fil-mument ta’ l-istess xoghol u esekuzzjoni ta’ l-istess, l-imsemmi Perit kif segwiet mill-fondazzjoni ta’ iskola, kien dejjem agixxa ghan-nom ta’ l-istess skola konvenuta. F’dan il-kuntest jinghad ukoll fost affarijiet ohra li dak allegat fl-ahhar paragrafi tas-sitt faccata tan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti bl-ebda mod ma gie ppruvat f’din il-kawza – anzi jidher li l-istess socjeta’ attrici dejjem fehmet, ghaliex hekk fil-fatt jirrizulta, li kienet qed taghmel l-istess xoghol fuq inkarigu ta’ l-iskola konvenuta, u l-iskola konvenuta qatt ma tat x’tifhem waqt l-istess xoghlijiet li din ma kienitx is-sitwazzjoni; l-ilment qam biss wara li hargu l-kontijiet finali mill-Perit ta’ l-iskola konvenuta li huwa tard wisq anke fl-isfond ta’ dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **“Paul Ebejer nomine vs Mark Portanier”** (P.A. (TM) – 9 ta’ Ottubru 2003) fejn gie affermat dak li kien ritenut fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Craig noe vs Debono”** fejn inghad li:-

*“Wiehed ghandu, meta jara x-xoghol jizdied u l-ispiza toghla, jikkontrolla dak li qed isir; japplika f’dak il-kaz id-detto taljan ‘patti chiari, amicizia lunga’. Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkarigu li hu jipprova li hu ghand jaghti anqas minn dak mitlub minn ghandu”.*

Illi f’dan il-kaz dan huwa iktar difficli ghas-socjeta’ konvenuta meta l-Perit taghha stess li kien qed jidher ghaliha biss kien qed jaghti l-istruzzjonijiet fuq ix-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna direttament huwa lis-socjeta’ attrici u f’dan is-sens ma hemm l-ebda dubju li x-xoghol ordnat mill-Perit tekniku Victor Torpiano mertu tal-kaz odjern kien fil-*veste* tieghu ta’ Perit ta’ l-istess skola, u ghan-nom ta’ l-istess skola. Jidher car li f’dan il-kaz l-iskola bhala korp, anke minhabba l-komposizzjoni u l-involviment ta’ diversi persuni differenti, ma kienitx qed allura tifhem iz-zieda fl-ammont u fil-valur tax-xoghlijiet fi zmien l-esekuzzjoni taghhom u dan huwa iktar serju meta jidher li l-istess skola, b’membri taghha, kienet qed isegwi dak li kien qed isir mill-Perit taghha *on site;* ta’ dan certament ma ghandhiex tigi penalizzata s-socjeta’ attrici u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici kontra l-iskola konvenuta ghandha u qed tigi accettata.

Illi fil-fatt mix-xhieda ta’ Dr. Austin Bencini, anke kif riporatata fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti jidher li l-kontestazzjoni ta’ l-istess kont *da parte* ta’ l-iskola konvenuta sar biss wara li hareg il-kont finali mill-Perit ta’ l-iskola stess – u l-ilment ewlieni ta’ l-istess kien li tali jew xi xoghlijiet ma kienux inkluzi fil-ftehim bejn l-iskola u l-kjamat fil-kawza, punt li certament lanqas jirrifleti fuq l-inkarigu ta’ l-iskola konvenuta mas-socjeta’ attrici; dan apparti li fiha nnfisha tali allegazzjoni turi li l-iskola ma kienitx lanqas qed tifhem il-valur tan-natura ta’ xoghlijiet li kienu qed isiru u dawn taht id-direzzjoni tal-Perit taghha stess.

Illi fil-fatt jigi ripetut li l-istess xoghlijiet li kienu qed isiru taht id-direzzjoni tal-Perit Victor Torpiano kienu qed jigu segwieti fuq is-sit tax-xoghol minn rappresentant tal-kumitat tal-fondazzjoni ta’ l-iskola, u hawn Joseph R. Vincenti bhala *project manager* tas-socjeta’ attrici, jirreferi

ghall-presenza fuq il-lant tax-xoghol u l-laqghat li kienu jsiru fuq is-sit ta’ kostruzzjoni appuntu ma rappresentanti ta’ l-istess, normalment konsistenti minn Dr. Marc Bonello u l-Perit John Papagiorcopulo, b’dan li allura ma hemmx lanqas ebda dubju li dak li kien qed isir mis-socjeta’ attrici fuq struzzjonijiet tal-Perit Victor Torpiano kien qed jigi segwiet mill-istess skola. Ghalhekk f’dan ir-rigward l-azzjoni attrici qed tigi milqugha kontra l-iskola konvenuta.

Illi dwar ir-relazzjoni tas-socjeta’ attrici mal-kjamati fil-kawza din il-Qorti thoss li ghal dak li jirrigwarda x-xoghlijiet ta’ l-istess socjeta’ attrici mertu tal-kawza odjerna, l-unika relazzjoni li s-socjeta’ attrici ghandha hija ma’ l-iskola konvenuta u l-kjamati fil-kawza ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi bla pregudizzju ghall-premess jinghad ghall-kompletezza, li dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2149 (a) tal-Kap 16** kif applikata u nterpretata permezz tas-sentenzi fl-ismijiet **“AMC Marketing Limited vs Pletz Holdings Limited”** (P.A. (GCD) – 22 ta’ Frar 2002) u **“Paul Formosa vs Salvu Debono”** (A.C. – 5 ta’ Ottubru 2001) jidher li x-xoghol spicca skond ix-xhieda tal-Perit Torpiano f’Novembru 1997 u la darba l-kjamati fil-kawza gew notifikati biss fl-24 ta’ April 2000 kull azzjoni fil-konfront taghhom hija preskritta.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi miqugha biss fil-konfront ta’ l-iskola konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-iskola konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici fil-konfront ta’ Lionel Lapira u Francis Valletta fil-kwalitajiet taghhom ta’ *chairman* u segretarju rispettivament u t-tnejn ghan-nom ta’ San Andrea School,** u dan biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti Lionel Lapira et ghan-nom ta’ San Andrea School sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm10,645.00), bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-prezz ossia korrispettiv ta’ xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u materjali tal-bini ezegwiti u provduti mill-istess socjeta` attrici in adempiment u ezekuzzjoni ta’ kuntratt ta’ appalt fdat lis-socjeta` attrici mill-imsemmija skola konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ April 1999, tal-kjamati fil-kawza, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti *nomine.*

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------